# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizja u l-Intern*

17.9.2007 PE 394.028v01-00

**EMENDI 1-4**

**Abbozz ta' rapport** **(PE 393.875v01-00)**
**Ioannis Varvitsiotis**
Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li dawn jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea

Proposta għal deċiżjoni (9688/2007 – C6-0209/2005 – 2005/0805(CNS))

| Test propost mill-Kunsill | Emendi tal-Parlament |
|---|---|

Emenda mressqa minn Kathalijne Maria Buitenweg

Emenda 1
Premessa 2 a (ġdid)

| | |
|---|---|
| | ***(2a) Id-drittijiet proċedurali fil-proċessi kriminali huma element kruċjali li jiżguraw fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri fil-koperazzjoni ġudizzjarja, u minkejja l-isforzi tal-Presidenza Ġermaniża, s'issa għadu ma ntlaħaqx ftehim wara li ġie mressaq abbozz ta' Deċiżjoni Qafas mill-Kummissjoni u approvat mill-Parlament;*** |

Or. en

Emenda mressqa minn Søren Bo Søndergaard, Giusto Catania

Emenda 2
Artikolu 3a, paragrafu 1

| | |
|---|---|
| 1. Dment li l-persuna sentenzjata fl-Istat emittenti jew fl-Istat ta' esekuzzjoni, u dment li l-persuna tat il-kunsens tagħha ***fejn meħtieġ taħt l-Artikolu 5***, sentenza, flimkien ma' ċertifikat kif prevista fl-Artikolu 4, jista' jintbagħat lil wieħed mill-Istati Membri li ġejjin: | 1. Dment li l-persuna sentenzjata fl-Istat emittenti jew fl-Istat ta' esekuzzjoni, u dment li l-persuna tat il-kunsens tagħha, sentenza, flimkien ma' ċertifikat kif prevista fl-Artikolu 4, jista' jintbagħat lil wieħed mill-Istati Membri li ġejjin: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Kif ġie ddikjarat fin-nota spegattiva li ngħatat lill-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar it-Trasferiment ta' Persuni li tkun ingħatat Sentenza Kontrihom tal-21 ta' Marzu 1983 li ġiet ffirmata mill-Istati Membri kollha, il-għan ewlieni tat-trasferiment ta' persuni li kontrihom tkun ingħatat sentenza huwa li jiffaċilita r-rijabilitazzjoni tal-persuni li kisru l-liġi: huwa kontro-produċenti għal skopijiet ta' rijabilitazzjoni jekk priġunier jiġi trasferit mingħajr il-kunsens tiegħu. Għaldaqstant it-trasferiment ta' perusna li ngħatat sentenza kontriha mingħajr il-kunsens tiegħu jew tagħha jmur kontra l-għan tal-proposta, li huwa l-iffaċilitar tar-rijabilitazzjoni soċjali ta' dik il-persuna.*

Emenda mressqa minn Søren Bo Søndergaard, Giusto Catania

Emenda 3
Artikolu 5, paragrafu 1a

| | |
|---|---|
| ***1a. Il-kunsens tal-persuna sentenzjata m'għandux jenħtieġ meta tiġi trasferita s-sentenza flimkien maċ-ċertifikat:*** | ***imħassar*** |
| ***a) lill-Istat taċ-ċittadinanza fejn hija tgħix;*** | |
| ***b) lill-Istat fejn il-persuna sentenzjata se tkun deportata ladarba huwa jew hija j/tkun rilaxxata mill-infurzar tal-piena abbażi ta' ordni ta' espulsjoni jew deportazzjoni inkluża fis-sentenza jew f'deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva jew kwalunkwe miżura oħra li tirriżulta mis-sentenza;*** | |
| ***c) lill-Istat fejn il-persuna ħarbet jew marret lura b'xi mod ieħor minħabba l-proċedimenti kriminali pendenti kontriha fl-Istat emittenti jew wara kundanna f'dak l-Istat.*** | |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*ara l-emenda 1*

Emenda mressqa minn Søren Bo Søndergaard, Giusto Catania

Emenda 4
Artikolu 5, paragrafu 4

| | |
|---|---|
| ***Il-paragrafu (1a) (a) mhux ser ikun applikabbli għall-Polonja bħala Stat emittenti u bħala Stat ta' esekuzzjoni fejn is-sentenza tkun ħarġet qabel ma jkunu għaddew ħames snin mid-data msemmija fl-Artikolu 21(1). Il-Polonja tista' fi kwalunkwe ħin tinnotifika lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill li m'hijiex ser tagħmel użu aktar minn din id-deroga.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*ara l-emenda 1*